Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 220/2014

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Filippo Mirabile (appellata)**

**Vs**

**David Aquilina (appellanti)**

18 ta' Dicembru, 2018.

1. Il-kawza titratta dwar hsara li saret fil-vettura ETN 286 assigurata mal-attrici, meta matul il-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Marzu, 2012 waqghu fuqha pannelli li kienu fuq il-bejt tal-konvenut.

2. B'sentenza tat-18 ta' April, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kkundannatu jhallas lill-attrici s-somma ta' hamest elef u hames mitt ewro (€5,500), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu, 2013.

3. Il-konvenut appella mis-sentenza permezz ta' rikors li pprezenta fit-8 ta' Mejju, 2018 bl-aggravji:

> *"(i) Illi fl-ewwel lok huwa ma ghamel xejn u s-solar panels in kwistjoni gew suppliti u nstallati minn Bajada New Energy Limited kif gja gie kkomunikat lis-socjeta attrici permezz ta' ittra tat-28 ta' Awissu 2013 li kopja taghha hija hawn annessa u ghalhekk huwa ma jistax jigi tenut responsabbli ghal xi haga li ma ghamilx.*
>
> *(ii) Illi fit-tieni lok huwa ngagga nies professjonali u maghrufa fis-suq sabiex jissupplixxu u jinstallaw is-solar panels in kwistjoni u ghalhekk huwa mexa bhala bonus pater familias u ma ghandux jahti ghall-incident in kwistjoni.*
>
> *(iii) Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi hsara u dannu li setghet saret grat minhabba forza magguri minhabba l-maltemp qawwi li hakem il-gzejjer ta' Malta dakinhar.*
>
> *(iv) Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa ezagerat"*.

4. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien inkariga lil Bajada International Solar Systems Limted sabiex fuq il-bejt tad-dar tieghu 4, Danpris, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Kalkara, jinstallaw *solar panels*. Xoghol li qal li sar bejn Awissu u Settembru, 2011. David Aquilina spjega li halla kollox f'idejn dik id-ditta inkluz l-istruttura li fuqha twahhlu l-pannelli.

5. Fatt iehor li fuqu sahaq il-konvenut kien li dakinhar tal-incident kien rih qawwi. Svetlana Caruana, ufficjal metereologiku, qalet li s-sahha tar-rih kien fuq medja jvarja bejn forza sitta u sebgha.

6. Il-pannelli kienu proprjeta tal-konvenut u jinsabu fil-bejt tad-dar tieghu.

7. Fil-ligi Taljana l-artikolu 2051 tal-Kodici Civili jipprovdi:

   *"Ciascuno e' responsabile del danno cagionato delle cose che ha in custodia, salvo che provi il caso fortuito".*

   Fil-Kodici Civili Taljan tal-1865 kien hemm diga' l-artikolu 1133 li jipprovdi:

   *"Ciascuno parimente e' obbligato non solo pel danno che cagiona per fatto proprio, ma anche per quello che viene arrecato col fatto delle persone delle quali deve rispondere,* ***o colle cose che ha in custodia****".*

8. Disposizzjonijient li ma nsibux bhalhom fil-Kodici Civili Malti. Wasal iz-zmien li disposizzjoni bhall-artikolu 2051 tigi ntrodotta ghal skop ta' kjarezza. Wara kollox hu gust li min ghandu taht il-kustodja u kontroll ta' oggett li jikkaguna hsara lil haddiehor, iwiegeb ghal dik il-hsara sakemm ma jkunx kaz ta' forzi magguri jew kaz fortuwitu. Il-ligi Maltija diga' tipprovdi per ezempju li min ikollu l-kustodja ta' annimal li jikkaguna hsara lil haddiehor, iwiegeb ghall-hsara li l-annimal jikkaguna.

9. Madankollu fis-sentenza **Giovanni Vella et vs Michael Cilia** tat-23 ta' Gunju, 2004 din il-qorti qalet:

   *"Issa a norma ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Jezistu mbaghad certi presunzjonijiet legali ta' responsabilita` fir-rigward ta' sidien ta' bini bhal dawk ezemplifikati fl-Artikoli 1041 u 1042 tal-istess Kodici. Wiehed necessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda l-impjanti u nstallazzjonijiet ta' go fih.* ***Huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u nstallazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura li jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali. Il-mizuri tal-prekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu ritenuti korrelatati mal-ordinarja diligenza. Ghalhekk ma jestendux ghall-konsiderazzjoni ta' mgieba irrazzjonali u 'l boghod minn kull logika tad-dover primarju tad-diligenza****.*

   *Il-Kodici Civili Taljan jikkontjeni fl-Artikolu 2051 tieghu disposizzjoni espressa li tghid li "ciascuno e` responsabile del danno cagionato della cose che ha in custodia, salvo che provi il caso fortuito".*

   *Dan id-dispost gie spjegat mill-Qorti tal-Kassazzjoni illi "in tema di danni cagionato da cose in custodia, l-Articolo 2051 non esonera il danneggiato dell'onere di provare il nesso causale fra cose in custodia e danno, ossia di dimostrare che l'evento si e` prodotto come conseguenza normale della particolare condizione, potenzialmente lesiva, posseduta della cosa, mentre spetta al custode dimostrarne il fortuito" (Cass. 13 ta' Frar 2002, Numru 2075).*

*Huwa desumibbli minn dan illi* ***dimostrat li l-event sehh minn haga taht il-kontroll tal-konvenut, sta imbaghad ghall-konvenut li jipprova minn naha tieghu l-fortuwitu bhala kawza esklussiva, jew bhala konkawza, fil-process tal-produzzjoni ta' l-event dannuz****"*.

10. M'hemmx dubju li d-dannu li sofra l-assigurat tal-attrici kien mill-pannelli proprjeta tal-konvenut li waqghu minn fuq il-bejt tad-dar tieghu. Skont ma xehed Albino Formosa (fol. 74):

> *"10. Meta gara l-incident David Aquilina infurmana b'dak li kien gara u cioe' li l-* ***installazzjoni u l-istruttura kollha kienet inqalghet*** *u kienet waqghet ghal fuq it-triq"*.

Mill-provi jidher li l-istruttura tpoggiet max-xifer tal-bejt, **fejn ma kienx hemm opramorta** (ara ritratt a fol. 128).

Fir-ritratt a fol. 128 jidhru l-*concrete blocks* li fuqhom tpoggiet l-istruttura. PS 337 Mark Mercieca xehed:

> *"Nixtieq nghid illi* ***l-pannelli nqalghu bil-frame u bic-cnagen kollu*** *u nghid illi dan huwa l-ewwel bini ta' mal-bahar u meta jkun hemm hafna rih jahkem hafna hemmhekk"*.

11. Hu veru li Formosa xehed li l-istruttura *"tigi raw-bolted mas-saqaf kif kien il-kaz in ezami"*. Pero' x-xhud ma kienx involut fix-xoghol li sar fid-dar tal-konvenut. Ghalhekk m'huwiex jixhed *di scientia propria*. Il-qorti m'hijiex konvinta li l-istruttura kienet imwahhla mas-saqaf tad-dar. Fil-fatt mir-ritratt a fol. 128 hu evidenti li l-istruttura tpoggiet fuq *concrete blocks*. Il-qorti fehmet li l-*concrete blocks* jitpoggew bhala bazi tal-istruttura tal-hadid proprju bhala *counter-weight* u biex ma jittaqqabx is-saqaf. Ma tista' tara l-ebda raguni ohra.

12. Inoltre, m'hemmx provi li meta sehh l-incident kien ghaddej rih b'qawwa ta' 125 kilometru fis-siegha (ara dokument fir-rapport li sar minn Bajada International Solar System Limited, fol. 106 *a tergo*). Albino Formosa xehed:

> *"Qed nesebixxi dokument mahrug ghal dan il-ghan li qed jigi mmarkat bhala Dokument Z2 u huwa kien fil-fatt iccertifika illi l-istrutturi kienu jifilhu sa force twelve u fil-fatt bhala description force twelve* ***jiflah hurricane*** *li tigi over 117 kilometres per hour"*.

13. Il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-fatt wahdu li l-istruttura nqalbet ifisser li kien hemm rih ta' dik il-forza li x-xhud iddeskrivieh bhala *'hurricane'*. Sahansitra, minn dak li xehedet Svetlana Caruana, jirrizulta li mir-readings li gew registrati mill-ufficcju metereologiku, ir-rih ma kellux dik il-qawwa. Dan apparti li m'hemmx provi fi Triq il-Konvoj kien hemm incidenti ohra fejn taru oggetti minn fuq il-bjut tad-djar tal-girien. Hu minnu li mill-provi jirrizulta li madwar Malta kienet saret hsara (ara per ezempju ritratti a fol. 48-54). Madankollu, dak li jinteressa b'mod partikolari lill-qorti hu x'gara fit-triq fejn sehh l-incident oggett tal-kawza.

14. Kuntrarjament ghal dak li xehed Formosa, m'hemmx prova li l-istruttura nqalghet *"... minhabba l-maltempata qawwija li kienet laqtet lil Malta dakinhar tal-incident"* (fol. 75). Hu veru li wara l-incident kien sar rapport fuq inizjattiva ta' Bajada International Solar Systems Limited bit-titlu, *Calculation of the maximum safe wind force on the PV Structure & Counterweights as manufacture by Solar Systems Ltd for different variants*. Pero' l-konkluzjonijiet huma bazati fuq hafna assunzjonijiet (fol. 102), cjoe li:

- *Bolt assumed to be with head.*
- ***Bolt fixed to concrete roof and not to counterweight*.**
- *Clean threaded rod or bolt wih a coarse surface profile is used.*
- *Anchor bolt hole is clean and dry with no contaminants.*
- *No resin is used in the bond.*
- *Concrete is made up of a good mix of aggregate according to accepted standards.*

M'hemmx prova li meta sar ix-xoghol, dak kollu sar. Fil-fatt il-persuni li poggew il-pannelli solari fid-dar tal-konvenut, ma xehedux.

15. Hu fatt maghruf li Malta ta' sikwit tinhakem minn rih qawwi. Dan apparti li l-konvenut xehed, *"Ghandi nghid illi d-dar tieghi tinsab quddiem il-bahar u ghalhekk ma kienx hemm ilqugh ta' bini iehor u r-rih kien jahkem hafna ghal fuq id-dar tieghi"* (fol. 52). Mela Bajada International Solar System kienet certament fl-ahjar posizzjoni li tkun taf x'perikli hemm:

i. M'hemmx opramorta;
ii. Minhabba l-posizzjoni tad-dar tal-konvenut kienet tinhakem ir-rih;

16. Mill-provi li tressqu quddiem l-ewwel qorti, m'hemmx dubju li dakinhar tal-incident kien rih qawwi. Pero' ma kienx ta' qawwa li kellu jwassal biex il-pannelli, struttura u *concrete blocks* jeghlbu ghall-isfel kieku x-xoghol sar kif suppost.

17. M'huwiex bizzejjed li l-konvenut ighid li hu nkariga kumpannija rinomata fil-bejgh u xiri ta' pannelli. Ghall-qorti l-incident fih innifsu juri li f'dan il-kaz il-persuni ta' Bajada International Solar System li poggew il-pannelli ma kinux ta' hila. Dan kien incident li seta' kellu konsegwenzi ferm iktar serji minhabba li ma ttiehdux prekawzjonijiet minn min wettaq ix-xoghol. Il-fatt li dik il-kumpanniji ilha snin twal hafna taghmel dan ix-xoghol, m'huwiex prova li l-haddiema li baghatet kienu ta' hila. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghal dan il-kaz m'ghandux japplika l-artikolu 1037 tal-Kodici Civili u ma taqbilx mar-ragunament tal-appellant (ara l-ewwel aggravju). Dak li gara hu l-aqwa certifikat li min ghamel ix-xoghol ma kienx ta' hila. Formosa xehed li x-xoghol li jaghmlu jiflah *'hurricane'* (fol. 95). Ghalkemm f'Malta jaghmel rih qawwi, m'hemmx record li dakinhar Malta giet milquta minn urugan.

18. F'kaz bhal dan il-qorti ma tistax tippretendi li l-attur iressaq il-prova dwar x'gara fuq il-bejt tad-dar tal-attur li wassal biex l-istruttura tinqala' minn postha. Il-provi kienu kollha f'idejn il-konvenut, li kien sid il-pannelli.

19. Hu minnu li fil-lejl li fih sehh l-incident kien rih qawwi. Il-konvenut xehed (fol. 57):

> *"... kif diga ghidt dakinhar ir-rih kien qawwi hafna u kien ghalhekk li l-pannelli kienu taru minn fuq il-bejt tieghi ghal isfel".*

Formosa xehed:

> *"... kif indikajt fir-rapport tieghi r-raguni ghalfejn inqalghet din l-istruttura kienet minhabba maltempata qawwija li kienet laqtet lil Malta dakinhar tal-incident".*

Pero' dik hi biss opinjoni. Il-fatt li l-istruttura nqalghet minn postha m'hijiex prova li r-rih kien iktar minn 125 kilometru fis-siegha, li hi l-forza ta' rih li jifilhu l-pannelli. Jekk il-qorti kellha tasal ghal xi konkluzjoni simili tkun qeghda tibbaza d-decizjoni fuq supposizzjoni. Xi haga li m'ghandhiex tkun.

20. Il-qorti ma taqbel xejn mal-appellant li dak li gara kien minhabba forza magguri. Prova li kellha ssir mill-appellant. Fir-rikors tal-appell, l-appellant argumenta:

> *"23. Illi ladarba jirrizulta li tqacctu hafna sigar fl-akkwati minhabba r-rih, iktar u iktar jirrizulta li l-frame bil-pannelli tqaccat ukoll minhabba r-rih qawwi tenut kont ukoll tal-fatt li dawn kienu ferm izjed esposti ghar-rih ladarba kienu fuq bejt ta' dar faccata tal-bahar meta mqabbla ma' sigar li kienu fl-art u li kellhom xi ftit ilqugh mill-bini tal-madwar".*

PC831 Jonathan Bordieri xehed (fol. 22) :

> *"Mistoqsi jekk kien hemm xi hsarat ohra nghid illi kien hemm hsarat ohra l-Kalkara* ***pero' mhux f'din l-istess triq****".*

Prova li ddghajjef l-argument tal-appellant.

21. Il-konvenut stess xehed li s-*solar water heater* kien ghadu fuq it-turretta. Bir-ragunament tal-appellant suppost dan ukoll spicca fit-triq jew f'xi parti ohra tal-bejt. Fatt li ghall-qorti jkompli jdghajjef it-tezi tal-appellant.

22. Hu veru li Albino Formosa pprezenta wkoll *cutting* minn gazzetta li dakinhar tal-maltemp kienet mietet persuna. Pero' kien ikun iktar floku li kieku Formosa ta taghrif dwar pannelli u strutturi li nstallat Bajada International Solar System Limited li waqghu minn fuq il-bjut tad-djar u spiccaw fit-toroq;

> *"Mistoqsi jekk kienx hemm xi rapporti ohrajn ta' klijenti in konnessjoni mal-incident li sehh fl-10 ta' Marzu, 2012 nghid illi onestament ma niftakarx. Nista niccekja l-ufficcju*

*ghaliex dakinhar ma kontx nokkupa l-istess kariga li ghandi llum"* (Seduta tal-31 ta' Jannar, 2017).

23. Taghrif li baqa' ma nghatax. L-appellant m'ghandux jippretendi li l-ewwel qorti kellha tiddeciedi l-kaz favur tieghu bazat fuq dak li hemm miktub f'cuttings ta' gazzetti.

24. Ghal dak li jikkoncerna t-tielet aggravju, il-qorti tosserva li *guide book* m'huwiex xi prova certa dwar il-valur tal-vann. Dan il-ktieb jintuza mill-kumpanniji ta' assikurazzjoni. B'daqshekk ma jfissirx li kull vettura tat-tip li tissemma f'dak il-ktieb, fis-suq ghandha l-valur li jissemma fih. Ovvjament il-valur tal-vettura jiddependi wkoll minn per ezempju l-*mileage*, iz-zmien li tkun ilha fit-triq, il-kundizzjoni taghha u l-*extras* li jista' jkollha.

25. F'dan il-kaz irrizulta li l-vettura ma kellhiex *mileage* gholi (ara deposizzjoni tas-*surveyor* Charles Cauchi). Qal ukoll li Charles Cauchi kien ikkonferma li l-valur tal-vettura kien ta' €4,800. Dan mhux minnu (ara traskrizzjoni a fol. 29-30). L-istima li ta x-xhud hi €6,000 (ara survey report) u xehed li dik hi stima tal-*market value* tal-vann. Ix-xhud stess qal:

> *"Huwa minnu jew jista' jkun minnu li l-Malta insurance guide book fil-valur tieghu kien ta' four thousand eight hundred, imma dak huwa biss guide book"*.

Kliem li jikkonferma kemm ix-xhud ma qalx li l-valur tal-vann kien €4,800. M'hemmx provi li jistghu jikkonvincu lil din il-qorti li l-ewwel qorti ma kellha qatt tikkundanna lill-appellant ihallas is-somma ta' €5,500.

26. Fir-rigward tar-raba' aggravju, jirrizulta li fit-8 ta' Awissu, 2013 l-appellata ipprezentat ittra ufficjali li biha sejhet lill-appellant sabiex ihallas is-somma ta' €5,500. L-ittra ufficjali kienet notifikata fis-16 ta' Awissu, 2013. Ghalhekk l-iktar kmieni li ghandu jiddekorri l-imghax hu minn dakinhar. Dan ser iwassal sabiex is-sentenza tal-ewwel qorti tigi varjata fir-rigward minn meta ghandu jiddekorri l-imghax. Ovvjament l-izball li sar fis-sentenza tal-ewwel qorti mhu htija ta' ebda parti fil-kawza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel tlett aggravji u tilqa' r-raba' aggravju u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' April, 2018 fis-sens li l-imghax ghandu jiddekorri mis-16 ta' Awissu, 2013. Ghall-kumplament tikkonferma s-sentenza. Spejjez tal-appell a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul.